# Dun Karm Cachia

*(1882-1950)*

**Kanonku Rev. Mario Agius**

*Sena ilu kellna x-xorti naqraw tagħrif mill-aktar prezzjuż dwar il-wisq rispettat kappillan Franġisk Xuereb propju mingħand bniedem li kien jafu personalment u ħadem qrib miegħu. Din is-sena l-istess Kanonku Mario Agius ser jagħtina aktar tagħrif dwar Dun Karm Cachia, qassis b'esperjenzi mistiċi li għadu jiġbed devozzjoni lejh speċjalment fiż-Żebbuġ, Għawdex. Ftit jafu li Dun Karm ħadem fil-Parroċċa tagħna fi żmien il-Kappillan Xuereb li laqgħu u għinu fi żmien ta' problemi.*

Dun Karm Cachia twieled iż-Żebbuġ, Għawdex fid-9 ta' Diċembru 1882 u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907. Miet ta' 68 sena fl-20 ta' Ottubru 1950 u ndifen fiċ-ċimiterju parrokkjali taż-Żebbuġ. Fid-19 ta' Ottubru 2013 il-fdalijiet tiegħu ġew trasportati għall-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ, Għawdex.



**Dun Karm Cachia (1882-1950)**

Meta fl-1936 kien ippersegwitat inġustament mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika f'Għawdex għax riedu jgħidu li kien qed ibati minn marda nfettiva perikoluża, ħaffef lejn Malta, f'Ħal Kirkop, biex isib il-kenn u d-direzzjoni ta' bniedem li kien jafda fih u ta' qalb kbira, Dun Franġisk Xuereb, dak iż-żmien kappillan ta' dan ir-raħal.

### Dun Karm Cachia f'Ħal Kirkop

X'għadda minn għalih Dun Karm Cachia fiż-żmien li għex f'Ħal Kirkop u x'inizjattivi fassal u wettaq favur Dun Karm il-kappillan Xuereb?

Insibu dan kollu mniżżel tajjeb ħafna f'teżi għal-lawrja ta' dottorat ippreżentata u issa approvata minn Dr. Dun Frankie Mallia, Kappillan tal-Parroċċa S.Giovanni Battista f'Torri in Sabina, l-Italja. Din it-teżi mirquma hija miktuba bit-Taljan. Tlabt il-permess tal-awtur, il-ħabib tiegħi l-kappillan Dun Frankie u ħejjejtilkom traduzzjoni fidila bil-Malti, mill-paġni 44, 45 u 46 ta' din it-teżi.

### Tibda t-tradizzjoni:

F'Malta, Dun Karm ġie joqgħod fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, dedikata lil San Leonardu, Abbati ta' Noblat, fejn kien kappillan Dun Franġisk Xuereb. Diġa kienu jafu lil xulxin għax Xuereb kien studja għal saċerdot fis-Seminarju t'Għawdex, fiż-żmien li fih Dun Karm kien wieħed mill-konfessuri straordinarji tas-seminaristi mill-1920 sal-1926. Dun Franġisk Xuereb kien kappillan

ta' Ħal Kirkop mill-1932. Mill-ewwel il-Kappillan Xuereb beda jaħseb kif jgħin lil Dun Karm f'din is-sitwazzjoni delikata u għalhekk nibtet l-idea li jsiru aċċertamenti mediċi f'Ruma. Il-Kappillan Xuereb mill-ewwel kellem lill-Madre Superjura tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' *Saint Joseph* tal-Apparizzjoni f'Malta, Suor Emilia Bartolini li kienet Taljana u Dun Karm seta' jkun alloġġjat f'Ruma fil-kunvent ta' din il-kongregazzjoni. Wara l-Kappillan Xuereb, bl-għajnuna tal-Vigarju Ġenerali tal-Arċisqof ta' Malta Don Mauro Caruana OSB, kiseb id-dokumenti u l-għajnuna finanzjarja meħtieġa għall-vjaġġ lejn Ruma. Fl-aħħar il-Kappillan Xuereb ippreżenta fl-Uffiċċju tal-Passaporti, il-Belt, nhar it-12 ta' Mejju 1936 applikazzjoni għall-ħruġ ta' passaport, għal raġuni ta' kura medika. It-tabib li ċċertifika li Dun Karm kien b'saħħtu biżżejjed biex jivvjaġġa kien Dr. Vincent M. Curmi M.D. minn tas-Sliema. Wara ftit jiem Dun Karm kellu l-passaport f'idejh u hekk seta' jsiefer lejn Ruma mill-iktar fis possibli. F'Ruma ikkonsulta żewġ speċjalisti, wieħed Ingliż u l-ieħor Taljan biex jivverifika jekk tassew hu kienx qed ibati minn xi mard infettiv. Id-dijanjożi ta' dawn iż-żewġ tobba kienet ċara u waħda taqbel mal-oħra! Hu ma kellux sintomi tal-marda li kien jingħad li għandu. Seta' jkun li fil-każ ta' Dun Karm kien hemm bidu ta' infezzjoni ta' għamla mhux progressiva, u allura minkejja s-sinjali fuq wiċċu, dan kien biss każ li fih il-marda, li ma kellhiex fiha nnifisha forma deġenerattiva, waqfet waħidha. Fl-aħħar mill-aħħar, ħafna drabi, fil-bidu tagħha, il-lebbra ma tikkawżax ebda tip ta' uġigħ jew infjammazzjoni u f'dawn il-każijiet il-marid ma jkun jaf bl-ebda mod li għandu din il-marda u għalhekk ma jindunax li għandu jibda xi kura. Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li s-sinjali li dehru fuq wiċċ Dun Karm kienu biss deformità kkawżata mil-lebbra għax il-marda ma kinetx ikkurata mill-bidu. Wara din l-aħbar tajba, Dun Karm iddeċieda li jmur pellegrinaġġ iżur lil Patri Pio ta' Pietralcina, illum qaddis, fuq il-Gargano, f'San Giovanni Rotondo. Dwar il-laqgħa tiegħu mal-mistiku kbir tal-Puglia, ma tantx nafu, imma nistgħu ngħidu li Patri Pio inkoraġġixxa lil Dun Karm ikompli fit-triq li kien għaddej minnha u jibqa' dejjem fidil għall-mod personali tiegħu kif jifhem l-ispiritwalità nisranija.



*Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb (ritratt Leonard Agius)*

Meta Dun Karm beda jipprepara biex jiġi lura Malta, ikkonfortat fil-ġisem u fir-ruħ, induna li ma kellux flus biex iħallas il-biljett tal-vjaġġ u tħawwad ħafna; imma seħħ fatt straordinarju. Dun Karm iddisprat u mbikkem, reġa' beda jfittex instintivament fil-bwiet tiegħu, fejn qabel kienu vojta sab flus biżżejjed biex iħallas il-vjaġġ tar-ritorn.

Malli wasal f'Malta, ippreżenta ruħu lill-Awtoritajiet tas-Saħħa li, minkejja kollox, ma aċċettawx iċ-ċertifikati mediċi li ħarġu ż-żewġ professuri li nviżtawh f'Ruma. Is-Sanità, f'Malta, ordnawlu li darba fix-xahar imur l-isptar biex jagħmlulu viżta perjodika ta' kontroll. Għalhekk, Dun Karm iddeċieda li jibqa' jgħix f'Malta, mal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb f'Ħal Kirkop. Meta, f'Marzu 1937, Dun Franġisk Xuereb sar kappillan tal-Parroċċa ta' Raħal Ġdid, ħa miegħu hemm lil Dun Karm ukoll.

Għalhekk sa hawn idum iż-żmien li Dun Karm Cachia u l-Kappillan Xuereb kienu flimkien f'Ħal Kirkop. Hawnhekk mela, ukoll tieqaf it-traduzzjoni tat-test oriġinali tat-teżi ta' Dun Frank Mallia, li ħejjejtilkom kelma b'kelma mit-Taljan għall-Malti.

## Dun Karm Cachia f'Raħal Ġdid

Meta l-Kappillan Xuereb ħalla Ħal Kirkop, u ġie lura – għax hawn kienet tgħammar il-familja tiegħu - biex isir is-sitt kappillan ta' Raħal Ġdid, ma setax ikun li Dun Karm Cachia ma jiġix warajh. Kien jaf sewwa li ma jistax iħalli l-ħarsien u t-tmexxija ta' Dun Franġisk. Kemm dam hawn kien joqgħod fi Strada S. Ubaldesca u wara fi Strada Loggia, illum Triq l-Arkata. Dun Karm ħabat ser jagħmel f'qalbu, għax ħassu eżiljat, minn jaf għal kemm żmien, minn daru u mill-knisja għażiża ta' Santa Marija taż-Żebbuġ. F'Raħal Ġdid, baqa' jqaddes kmieni ħafna, jew fil-knisja parrokjali jew fil-kappella ta' San Ġwann Battista, annessa mad-dar tas-Soċi Interni tal-Mużew, fi Triq Santa Monika. Bi ftehim mal-Kappillan Xuereb, biex ma jurtax l-Awtoritajiet tas-Saħħa, ma kienx iqarben. Iżda kien idum iqarar u jagħti direzzjoni spiritwali għal madwar 12-il siegħa kuljum. U kienu jiġu jfittxuh nies minn kullimkien.



*Fid-19 t'Ottubru 2013, il-fdalijiet ta' Dun Karm Cachia ġew trasportati għal ġo qabar fil-Knisja Parrokjali taż-Żebbuġ (Għawdex) fejn għadu jgawdi devozzjoni*

## Dun Karm fiż-Żebbuġ (Għawdex)

Fit-12 ta' Ġunju 1940 Mussolini ddikjara gwerra kontra l-allejati. Għalhekk Malta, kolonja Ingliża, sabet ruħha fi gwerra mal-Italja. Fl-ewwel ġranet tal-Gwerra, f'bumbardament mill-ajru, mietu xi nies in-naħa t'isfel ta' Raħal Ġdid, li żvojta f'daqqa. Il-Kappillan Xuereb tella' l-familja tiegħu, is-Sorijiet ta' *St. Joseph* u oħrajn għall-kenn f'Ħad-Dingli. Is-Soċi Interni u s-Superjura Ġenerali Ġannina Cutajar marru Ħal Safi. Għalhekk, Dun Karm ħtieġlu li jitlaq minn Raħal Ġdid u jirritorna lejn daru ż-Żebbuġ, Għawdex. Kien milqugħ lura f'pajjiżu b'ferħ kbir minn kulħadd. Iżda hu ħass dieqa fih innifsu. Iż-Żebbuġ kien raħal ta' madwar 1090 ruħ. Fi żmien il-Gwerra kien perikoluż ħafna tiċċaqlaq minn raħal għal ieħor f'Malta u Għawdex jew taqsam minn gżira għall-oħra. Issa, Dun Karm

naqsitlu ħafna l-ħidma pastorali li kien imdorri jagħmel bil-qalb mill-konfessinarju. Baqa' jagħti direzzjoni spiritwali permezz tal-ittri, li fihom qatt ma kien isemmi l-gwerra. Tgħid minħabba ċ-ċensura?

Sakemm saħħtu ppermettitlu, kien iqaddes fil-knisja parrokjali mal-ħamsa ta' filgħodu fl-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Matul il-jum, filgħodu u filgħaxija kien jgħaddi żmien twil fil-knisja. Dun Karm kien devot kbir tal-Madonna ta' Pinu. F'ħajtu għadda minn esperjenzi mistiċi, fosthom dehriet ta' Ġesù.

Dun Karm qaddes l-aħħar quddiesa tiegħu f'waħda mill-aħħar ġranet ta' Lulju 1950. Saħħtu, issa, baqgħet sejra dejjem lura. Miet fil-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa fl-20 ta' Ottubru 1950. B'ordni tas-Sanità, il-ġisem ta' Dun Karm kellu jitwassal mid-dar tiegħu direttament għaċ-ċimiterju, mill-iqsar triq possibli. Is-Sanita ipprojbew lill-Arċipriet taż-Żebbuġ li jagħmillu quddiesa *presente cadavere* fil-knisja jew almenu fuq iz-zuntier. Fit-triq minn fejn kellhom jgħaddu bih, il-kbar xerrdu friegħi tar-rand u taż-żebbuġ u t-tfal ferrxu l-ward li ġabru mill-ġonna. Difnuh f'qabar tal-komun fiċ-ċimiterju parrokjali. Fid-19 ta' Ottubru 1972, il-fdal ta' Dun Karm kien trasferit għal wieħed mill-oqbra mħejjija għad-dfin tas-saċerdoti fil-kappella tal-istess ċimiterju.

Dan it-tagħrif, imqassar ħafna, ħadtu mill-kitba ta' Dun Frankie Mallia.

Fid-19 ta' Ottubru 2013, Dun Karm Cachia kien ittrasportat għal qabar ġdid ippreparat quddiem l-altar tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali taż-Żebbuġ (Għawdex).